**NOMINA TAL-PERIT VINCENT CASSAR GĦALL-ĦATRA TA' CHAIRPERSON TAL-BORD TAL-AWTORITÀ TAL-AMBJENT U R-RIŻORSI**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. Kif tiddeskrivi r-rwol ta' Chairman tal-ERA? X'inhi d-distinzjoni bejn dan ir-rwol u r-rwol ta' CEO tal-istess Awtorità?

Hemm distinzjoni netta u ċara. Xogħol iċ-Chairman tal-ERA huwa li jorganizza, jikkoordina, iżomm kontroll u jagħti direzzjoni lill-Bord tal-Awtorità' biex permezz tal-ħidma tagħha tilħaq il-miri stabbiliti mill-liġi u mill-amministrazzjoni.

Dak tas-ĊEO huwa li jaċċerta, flimkien mas-Senior Management tal-Awtorità, li l-operat ta' kuljum tal-ERA jimxi 'l quddiem u d-deċiżjonijiet tal-Bord ikunu esegwiti skont il-parametri legali u finanzjarji u skont ir-riżorsi disponibbli.

Dan huwa differenti ħafna minn dak li kont imdorri bih matul l-aħħar sitt snin bħala Chairman tal-Bord tal-Ippjanar tal-Awtorità' tal-Ippjanar. Bħala Chairman tal-Bord ma kellix responsabbiltajiet fl-amministrazzjoni tal-Awtorita'. Din kienet ir-responsabbilta' tas-CEO.

Iżda meta kont Chairman tal-Awtorità' tal-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) kont responsabbli għall-Awtorità' fl-intier tagħha. Dan huwa l-istess rwol li huwa propost li nkun fih fl-ERA. Għalhekk konvint li għandi dawk ir-rekwisiti u esperjenza biex inkun nista' mmexxi din l-Awtorità' u nressaqha biex tkun aktar effiċjenti, aktar kredibbli u aktar qrib in-nies.

2. Kif qiegħed tara li tkompli tiżviluppa u timxi 'l quddiem l-ERA? Kif taħseb li l-esperjenza li għandek fid-diversi oqsma tista' tgħinek sabiex issaħħaħ it-tmexxija ta' din l-awtorità?

L-ERA tal-lum żviluppat ħafna minn dik li bdiet fl-2016. L-Awtorità għandha taħdem iktar fuq l-integrazzjoni tal-ambjent f'oqsma kruċjali għall-pajjiż, fosthom il-kummerċ, l-ekonomija u l-qasam soċjali. Illum jeħtieġ li timmatura b'mod li l-leħen tagħha jkun aktar determinanti fil-proċess tal-ippjanar, fejn għandu x'jaqsam l-ambjent, u li tkun aktar miftuħa għall-pubbliku, b'mod li d-deċizjonijiet kollha tagħha (tal-Bord) jittieħdu fil-pubbliku, kif isir diġà għal ċerti affarijiet bħal permessi tal-IPPC (Industrial Pollution Prevention and Control) u Environmental Impact Assessments (EIAs).

L-ERA, bħala r-regolatur nazzjonali għall-ambjent għandha wkoll tkompli taħdem u tikkollabora mal-istakeholders l-oħra kollha li

għandhom sehem fil-ħarsien tal-ambjent jew b'xi mod jaffetwaw l-ambjent, sabiex ikollna governanza ambjentali b'saħħitha u bil-kontribut ta' kulħadd, nimbuttaw biex kullħadd jiġbed ħabel wieħed għall-ambjent aħjar, biex ikollna kwalità ta' ħajja aħjar. Dawn għandhom jinkludu kemm entitajiet pubbliċi u privati, kif ukoll dawk volontarji.

Matul iż-żmien li jiena kont naħdem fis-servizz pubbliku jiena kelli wkoll ħafna esperjenzi u opportunitajiet biex insaħħaħ kemm l-operat u l-organizzazzjonijiet li kont immexxi. L-akbar titjib kont għamiltu fl-1992 meta kont mogħti l-kariga ta' Direttur Ġenerali u minn Dipartiment tax-Xogħlijiet, li kien Dipartiment wieħed, diżorganizzat u li kien soġġett għal ħafna kritika mill-pubbliku, trasformajnieh f'Divizjoni tax-Xogħlijiet b'seba' Dipartiment b'Direttur għal kull Dipartiment, iżda bl-impenn li kull Dipartiment ma jaħdimx għal rasu. Daħħalna l-prinċipju ta' *Matrix Organisation*. Pereżempju, kien hemm Uffiċċju wieħed għad-disinn li kien jaqdi l-esiġenzi tad-Dipartimenti l-oħra kollha. Morna minn sistema ta' 'Functional responsibilities' u 'Project Responsibilities' diretti ghal sistema 'matrix'.

Inizjattiva li għadna ingawdu l-frott tagħha sal-lum hija l-ħolqien tar-Restoration Unit fl-1994. Hemm kont qbadt tliet Periti li kienu jinteressaw ruħhom fir-restawr u iffurmajt din il-Unit. Matul iż-żmien irnexxieli wkoll li nibgħat numru ieħor ta' periti jkomplu jistudjaw ir-restawr f'universitajiet barra minn Malta. Kien hemm ukoll numru ta' ħaddiema li marru għal taħriġ barra minn Malta. Illum din il-Unit saret Direttorat u qegħda tagħmel xogħol imprezzabli ta' restawr.

Barra minn dan, tajjeb li ngħid li minħabba r-rwol tiegħi ta' Chairman, fil-MEPA, diġà ħdimt fuq l-ambjent u kont ukoll responsabbli tad-Direttorat tal-Ambjent bejn l-2013 u l-2016, bħala Chairman tal-MEPA kif ukoll Aġent Direttur tal-Ambjent. F'dan il-perijodu ħdimt ma' bosta uffiċjali li llum qegħdin l-ERA fuq xogħlijiet ambjentali u kelli wkoll ix-xorti li nkun involut u espost għar-regolamentazzjonijiet ambjentali fin-negozjati tal-ambjent għall-aċċess ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, u iffurmajt parti essenzjali mid-delegazzjoni involuta.

3. Jeżisti tħassib reali dwar il-bidla fil-klima u ovvjament f'pajjiżna nitħassbu dwar l-impatt li din jista' jkollha fuq l-ambjent u l-wellbeing tal-Maltin. Kif tara r-rwol tal-ERA, anke f'kollaborazzjoni ma' entitajiet oħra, biex nimxu aktar 'il quddiem bħala pajjiż?

L-impatt fuq l-ambjent u l-'wellbeing' mill-bidla fil-klima mhuwiex ta' tħassib għalina l-Maltin biss, imma huwa ta' tħassib għall-kumplament tad-dinja kollha. Fil-rwol tiegħi bħala President tal-Commonwealth Association of Architects (CAA) tgħallimt ħafna fuq dan is-suġġett għax minn survey li konna għamilna mal-pajjizi tal-Commonwealth ħareg ċar

li hemm ħafna pajjiżi, speċjalment pajjiżi żgħar bħal tagħna, li jekk nibqgħu sejrin kif aħna, dawn ser jintlaqtu ħażin.

Is-Sustainable Development Goals (SDGs) huma għodda effettiva biex wieħed jilħaq żvilupp sostenibbli u li jista' jtaffi ftit mid-diżastri ambjentali li qegħdin naraw madwar id-dinja, kawża tat-tibdil fil-klima.

Filwaqt li l-ERA m'għandhiex rwol dirett fit-tibdil tal-klima, ir-riżorsi ambjentali huma l-ewwel li jintlaqtu bit-tibdil fil-klima u huma dawn li jridu jintużaw bil-għaqal sabiex nilqgħu għall-impatti mistennija u li wħud minnhom diġà qed naraw. Għaldaqstant bilfors li l-ERA trid timmaniġġja u tirregola dawn ir-riżorsi; trid tilgħab rwol ewlieni f'dan il-qasam. Jeħtieg li l-ERA tagħmel dan b'kollaborazzjoni diretta, u bis-sens, bejn l-entitajiet, il-Ministeri, u is-setturi kollha tas-soċjetà, inklużi setturi partikulari bħal dik tal-kostruzzjoni, tat-trasport, eċċ. Dan diġa' qed tagħmlu. Irid jitkompla u jissaħħaħ.

L-ERA għandha rwol kruċjali fil-kuntest ta' *strategic policy*, bħalma huma l-immaniġġjar tar-riżorsi tal-art u tal-ilma. F'dawn il-każijiet, hemm bżonn ta' viżjoni komuni bejn l-entitajiet konċernati biex jintlaħqu għanijiet komuni. Barra minn hekk, ċertu sorsi ta' gassijiet serra huma ukoll sorsi tat-tniġġis tal-arja, u għalhekk l-ERA trid tikkollabora mal-entitajiet ikkonċernati biex nfittxu sinerġija bejn l-pjanijiet rispettivi, ħalli dawn jiġu indirizzati b'mod holistiku u effettiv. Għalhekk, nixtieq nara governanza ambjentali aktar ċara, permezz ta' Strateġija Nazzjonali għall-Ambjent, li tindika d-direzzjoni tal-pajjiż fuq diversi aspetti ambjentali filwaqt li tintegra l-aspetti relatati mat-tibdil fil-klima.

Barra minn dan, nixtieq nara l-ERA taħdem bis-sħiħ fuq proġetti ma' entitajiet bħal Project Green, Ambjent Malta, Parks Malta, ir-Reġjuni u l-Kunsilli Lokali. F'dan il-kuntest, l-inizjattiva "Together: One Step towards Climate Repair"[1], li hija bbażata fuq it-tliet Rs – **R**educe Emissions, **R**emoving greenhouse gases u **R**epairing the planet, hija inizjattiva li tista' isservi ta' għajnuna u gwida għall-Kunsilli Lokali u NGOs biex jipprovdu qafas ta' għarfien lill-pubbliku u lill-businesses sabiex ikollna servizzi aħjar u aktar ħodor għall-bini u s-salvagwardja tal-enerġija.

---

[1] https://climate.ec.europa.eu/system/files/2018-06/youth_magazine_en.pdf and https://climatechampions.unfccc.int/climate-repair-three-things-we-must-do-now-to-stabilise-the-planet/

4. U allura la qed nitkellmu fuq tibdil fil-klima, settur importanti huwa dak tal-enerġija. Bħalissa l-Ewropa għaddejja minn kriżi f'dan is-settur. Però opportunitajiet hemm ukoll. Bħala eventwali chair tal-ERA kif tara r-rwol tiegħek u tal-ERA fil-viżjoni li għandu l-pajjiż?

   Fuq kollox li naċċerta ruħi li kollox isir bis-sens.

   Fejn jidħlu r-riżorsi ambjentali u l-enerġija, hemm xibka ikkumplikata ta' interkonnessjonijiet, b'mod li rridu noqogħdu attenti li ma nsolvux problema waħda u noħolqu oħra xi mkien ieħor f'din ix-xibka. Pereżempju, importanti li l-policies li inżidu l-enerġija mix-xemx ma jridux joħolqu problemi bħal ħtif jew telf ta' spazji importanti bħall-ODZ, jew art agrikola. Huwa r-rwol tal-ERA li tiddentifika dawn il-konnessjonijiet u tissuġġerixxi soluzzjonijiet.

   B'mod ġenerali, nemmen li għandna niffokaw biex niddiversifikaw fis-settur tal-enerġija, sabiex nużaw aktar l-enerġija alternattiva u nkunu aktar bil-għaqal kif nużaw l-enerġija fi djarna u l-uffiċini tagħna.

   Il-viżjoni strateġika, kif imħaddna fl-Istrateġija Nazzjonali għall-Ambjent, titlob sinerġija bejn l-entitajiet sabiex naċċertaw li l-binjiet jikkonsmaw l-enerġija b'mod aktar effiċjenti filwaqt li nkomplu naddottaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli u sostenibbli mingħajr impatti ambjentali negattivi.

   Ovvjament, irridu niżguraw li dawn il-miżuri u s-sinerġija mitluba jkunu qed jittwettqu wkoll fil-prattika u fid-deċiżjonijiet li nkunu qegħdin nieħdu.

5. L-issue tal-iskart għal snin twal ma ngħatatx l-importanza li jixirqilha. X'tara li huma l-punti ewlenin li jistgħu jindirizzaw din l-issue b'mod ħolistiku?

   Jekk l-issue tal-iskart, għal snin twal, ma ngħatatx l-importanza li jixirqilha, hija dibattibbli. Nixtieq infakkar li fis-sena 2000 jiena stess kont ktibt Dokument Konsultativ bit-titolu "A Solid Waste Managemet Plan for Malta". Barra minn hekk, fl-2001 kont co-awtur tad-Dokument "A Solid Waste Management Strategy for the Maltese Islands". Dawn iż-żewġt dokumenti kienu jagħtu direzzjoni ċara fejn l-immaniġġjar tal-iskart għandu jmur. Jekk il-proposti u direzzjoni li kienu elenkati f'dawn id-dokumenti ġewx esegwiti, hija ħaġa oħra.

   Però, tajjeb li ngħid li waqt li l-ammont ta' skart per capita li jiġi iġġenerat f'Malta huwa fost l-ogħla fl-Ewropa u għadna kemxejn il-bogħod mill-miri tagħna fil-kuntest tat-trattament tal-iskart u għadna qed niddependu wisq fuq il-miżbliet, saru bosta inizzjattivi f'dawn l-aħħar ftit snin biex titjieb is-sitwazzjoni.

   Għalhekk, il-viżjoni għas-snin li ġejjin għandha tkun li nagħtu prijorità li nnaqqsu l-ġenerazzjoni tal-iskart u nkomplu t-transizzjoni lejn

ekonomija ċirkolari. Dan għandu jiġi megħjun billi niffaċilitaw transizzjoni lejn prattiċi ta' konsum u produzzjoni iktar sostenibbli kemm mill-pubbliku kif ukoll mis-settur privat. Diversi miżuri jistgħu jittieħdu f' dan ir-rigward. Dan kollu għandu jiġi issapportjat permezz ta' titjib kontinwu fil-governanza, l-infurzar u l-infrastruttura.

F'dan il-qafas, tajjeb li nirrikonoxxu l-miżuri posittivi li qegħdin jittieħdu, bħal m'huma dawk relatati mal-proposta tas-separazzjoni mandatorju tal-iskart; l-implementazzjoni ta' strateġiji fuq l-iskart tal-kostruzzjoni u fuq is-'*single use plastics*'; it-titjib fl-infrastruttura; u l-miżuri relatati mal-edukazzjoni u l-għarfien, fost oħrajn. Nifhem li l-mod kif dawn it-tipi ta' miżuri qed jiġu ikkoordinati bejn entitajiet bħall-ERA, il-Wasteserv, il-LESA, il-Malta Enterprise, ir-Reġjuni u l-Kunsilli għandu jitkompla.

F'dan ir-rigward, ta' min ifaħħar ukoll l-inizjattiva li ttieħdet dan l-aħħar fejn l-immaniġġjar tal-ġbir tal-iskart qiegħed jiġi ikkordinat mir-Reġjuni u mhux mill-Kunsilli Lokali individwali. Dan wassal biex ikollna skeda waħda ta' ġbir tal-iskart ikkordinat, li flimkien mal-iskema tal-BCRS, il-proċessi ta' għarfien u s-separazzjoni mandatorja li qiegħda proposta, għandhom iwasslu għal aktar riċiklaġġ (recycling) u riutilizzazzjoni (reuse) ta' materjal li kieku jintrema fil-miżbliet.

F'dan il-qasam, l-inċentivi li l-ERA u l-Malta Enterprise ħabbru dwar l-irkupru ta' *void space* fil-barrieri u t-*tax credits* fuq *crushers*, kif ukoll, l-introduzzjoni ta' *gate fees* fuq min jibqa' jarmi *mixed waste* fis-settur industrijali qed jgħin ukoll biex nilħqu l-miri tagħna.

Punt wieħed fost ħafna, li forsi nagħlaq bih, huwa l-bżonn li jkun hemm aktar ċarezza fir-responsabbiltajiet bejn ir-reġjuni u l-lokalitajiet u kull min għandu xi sehem dirett fl-immaniġġjar tal-iskart. Din iċ-ċarezza għandha jkollha effett diretta fuq l-kwantità u l-kwalità tal-informazzjoni (data) li qed niġbru u li tant hemm bżonn għall-immaniġġjar tal-iskart.

6. It-tniġġiż tal-arja hija problema li globalment twassal għal problemi tas-saħħa. X'taħseb, fl-opinjoni tiegħek li huwa r-rwol tal-ERA biex din l-issue tkompli tiġi indirizzata u fejn għandu jissaħħaħ?

In ġenerali, li tkompli tieħu ħsieb il-gbir ta' informazzjoni neċessarja (monitoring) u li tagħmel dan b'mod effiċjenti mingħajr ħela ta' riżorsi. Imbagħad li tidentifika soluzzjonijiet (short-term, medium u long-term) biex il-problemi, kif identifikati, jissolvew bil-kooperazzjoni u kontribut tas-sessjonijiet kollha tal-pajjiż u tal-entitajiet kollha governattivi.

F'dan il-qasam, bla dubju ta' xejn, huwa kruċjali li l-ERA tkompli bix-xogħol siwi tagħha tal-monitoraġġ tal-arja. L-ERA għandha numru ta'

stazzjonijiet fissi, u waħda mobbli w permezz ta' dawn l-istazzjonijiet u madwar mitt sit ieħor li fihom network tad-*diffusion tubes*, l-ERA tiġbor data realtime fuq l-arja. Din l-informazzjoni hija wkoll ippubblikata mill-ewwel fuq il-website tal-ERA. Huwa permezz ta' din id-data li nafu biż-żoni jitolbu aktar attenzjoni. Safejn naf jien qed jitfassal Air Quality Plan biex jiġi indirizzat dan l-aspett ukoll.

Però tajjeb li wieħed jgħid li l-ikbar impatt f'Malta fuq it-tniġġis tal-arja huwa t-trasport, u għalhekk hemm bżonn impenn u kollaborazzjoni attiva ma' awtoritajiet u aġenziji oħrajn biex jittieħdu miżuri effettivi biex jiġu indirizzati s-sorsi ewlenin tat-tniġġis tal-arja, speċifikament is-settur tat-trasport. F'dan ir-rigward l-ERA għandha rwol importantissimu li tkompli u ttejjeb l-monitoraġġ kontinwu li diġà għaddej fuq il-kwalità tal-arja, biex din l-informazzjoni tinforma d-direzzjoni neċessarja biex naċċertaw li t-tniġġis tal-arja jiġi minimizzat.

Il-viżjoni ambjentali ewlenija f'dan ir-rigward, fl-opinjoni tiegħi, hija li l-ERA tkompli taħdem mal-entitajiet konċernati biex il-pajjiż jersaq lejn mobbiltà sostennibli, bi prijorità li jitnaqqas l-użu tal-karozzi privati u jiżdied l-użu ta' modi tat-trasport iktar nodfa, inkluż dawk attivi bħal mixi u r-roti.

7. Meta tħares lejn l-ERA, liema huma dawk l-affarijiet li temmen li l-ERA għandha tkompli tenfasizza fuqhom u liema huma dawk in-nuqasijiet li jridu jigu indirizzati? X'inhuma l-proposti tiegħek f'dan ir-rigward?

Jiena konvint li qed isir ħafna xogħol u dan kollu għandu jibqa' għaddej. Sfortunatament dan mhux dejjem pubbliċizzat biżżejjed. Irid ikun hemm aktar għarfien tax-xogħol u ta' kif, b'mod sempliċi, in-nies jistgħu jiġu murija kif jistgħu jgħinu – għax mhux kollox jista' jsir mingħajr għajnuna u sapport tan-nies. Għalhekk huwa importanti li l-ERA tttejjeb l-image tagħha mal-pubbliku b'mod li kulħadd jagħraf ir-remit veru tal-ERA u mhux dak immaġinarju. Biex tasal għal dan, l-ERA trid nkompli isaħħaħ s-servizzi tagħha, inkluż billi tkompli issaħħaħ l-aspetti diġitali li diġa toffri u tikkreja oħrajn ġodda.

Huwa importanti wkoll li jissaħħaħ l-irwol ta' *compliance assurance* fi ħdan l-ERA. Irid ikun hemm aktar għarfien u edukazzjoni biex nimbuttaw il-konformità (compliance) b'miżuri ta' infurzar effettivi fejn meħtieġa, b'kollaborazzjoni sħiħa u diretta ma' entitajiet oħra.

L-assessjar ambjentali fuq proġetti ta' żvilupp għandu jkompli jiġi emfasizzat, bħala għodda importanti li ma titqisx biss bħala piż imma bħala benefiċċju kemm għall-proġett innifsu kif ukoll għall-ambjent u għas-soċjetà. Hemm bzonn li jissaħħaħ l-*pre-submission discussions* sabiex jiġi żgurat li proġetti li jistgħu jsiru jkollhom l-inqas impatt fuq l-ambjent possibli. Irrid nara l-ERA tkompli tikkontribwixxi għat-tfassil

u r-reviżjoni ta' pjanijiet relatati mal-iżvilupp biex taċċerta li dawn huma sensittivi għal konsiderazzjonijiet ambjentali. Nistgħu nagħtu kunsiderazzjoni wkoll biex żoni rurali jingħatalhom protezzjoni aktar ħolistika u jkunu issalvagwardjati wkoll għall-karattru rurali tagħhom u għar-rwol li jagħtu lill-pajjiż biex inkunu reżiljenti għall-impatti tat-tibdil fil-klima, fost oħrajn. [2]

Tajjeb ukoll li wieħed isaħħaħ l-interazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar, billi jkun hemm aktar sinerġija bejn iż-żewġ Bordijiet kif ukoll mat-Tribunal tal-Ambjent u l-Ippjanar.

Kif semmejt iktar kmieni naħseb li huwa importanti ferm li l-ERA tibda tagħġen l-ambjent u tiddiskutih ukoll f'termini ekonomiċi u soċjali ħalli nsaħħu l-aġenda ambjentali fis-setturi l-oħra tal-pajjiż. Hawnhekk nixtieq nara li nwettqu u nieħdu sehem f'proġetti m'entitajiet f'setturi oħra ħalli b'mod innovattiv nindirrizaw il-problemi ambjentali li qed naffaċċjaw. Forsi, jekk tippermettuli, irridu nibdew naħdmu biex l-ERA tkun aktar ekonomikament soda, u għalhekk għandu jiġi valorizzat aħjar ix-xogħol li toffri l-Awtorità, li ħafna drabi jaqa' fuq il-poplu u t-taxxi, minħabba li s-servizzi offruti huma s'issa kważi kollha bla ħlas, anke dawk ta' proġetti kummercjali kbar.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. Kif tiddeskrivi r-rwol ta' Chairperson tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi?

Ir-rwol taċ-Chairman tal-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi huwa l-istess rwol li jiena kelli meta kont Chairman tal-Awtorita' għall-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA).

Xogħol iċ-Chairman tal-ERA huwa li jorganizza, jikkoordina, jżomm kontroll u jagħti direzzjoni lill-Bord tal-Awtorita' biex permezz tal-ħidma tagħha tilħaq il-miri stabbiliti mil-ligi u mill-amministrazzjoni.

Ir-responsabiltajiet tal-Awtorità', u allura dawk ukoll tac-Chairman ta' l-istess Awtorità', huma dak elenkati f'Artikolu 8 ta' Att dwar il-Harsien tal-Ambjent (Kapitolu 549 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. X'esperjenza għandek fis-settur tal-protezzjoni tal-ambjent u tar-riżorsi?

Jien diġa' kont Chairman tal-Malta Environment and Planning Authority (MEPA) bejn l-2013 u 2016, u bħala tali pożizzjoni kont responabbli għad-Dipartiment tal-Ambjent. Fil-fatt peress li ma kienx hemm Direttur tad-Dipartiment tal-Ambjent matul l-istess żmien kont ukoll Aġent

[2] Dan ta' hawn fuq huwa maqbul f'Objective 5.2 tal-NSE.

Direttur tal-istess Dipartiment. F'dan il-perijodu ħdimt ma' bosta uffiċjali li llum qegħdin l-ERA fuq xogħlijiet ambjentali u kelli wkoll ix-xorti li nkun involut u espost għar-regolamentazzjonijiet ambjentali fin-negozjati tal-ambjent għall-aċċess ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, u ffurmajt parti essenzjali mid-delegazzjoni involuta.

L-Awtorità tar-Riżorsi sa issa ma tifformax parti mill-Awtorità tal-hekk imsejħa l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi. Fl-opinjoni tiegħi dan huwa nuqqas li għandu jiġi irranġat kemm jista' jkun malajr. Jiena nemmen fil-kunċett ta' Integrated Resource Management. Dan għax kull azzjoni minn Awtorità, Dipartiment jew Aġenzija timpatta fuq deċizjonijiet, proċeduri jew policies ta' Awtoritajiet, Dipartimenti jew Aġenziji oħra.

Meta jiena kont Direttur Ġenerali tal-Works Division, hemm, kelli taħt id-direzzjoni tiegħi numru ta' Dipartiment li kienu jieħdu ħsieb il-bini ta' djar ġodda tal-Gvern, xogħlijiet ta' żvilupp ta' skejjel, sptarijiet, fabbriki, toroq, xogħol fuq mollijiet, eċċ. Minn hemm tgħallimt li iżjed ma jkollok integrazzjoni tar-riżorsi tiegħek, f'dan il-każ, skills ta' disinn, makkinarju u fuq kollox tar-riżors uman, jkollok organizzazzjoni aktar effiċjenti, ikollok aktar kontroll fuq dak li jkun qiegħed isir, kif ukoll tiffranka l-flus.

3. Kif tiddeskrivi l-istat tal-ambjent ta' pajjiżna?

In ġenerali, l-għarfien ambjentali żdied qatigħ fl-aħħar snin, għalkemm l-impressjonijiet hemm barra mhux dejjem ikunu dawk korretti. Għalhekk, jiena hawn noqgħod fuq il-fatti u dawn il-fatti jagħtihomlna l-iState of the Environment Report. L-aħħar li dan ġie ippubblikat kien fl-aħħar tal-2018 u safejn naf jien, qed jiġi aġġornat bħalissa biex naraw fejn imxejna 'l quddiem u fejn morna lura.

Ovvjament, l-akbar sfidi aktarx narawhom fis-setturi tal-iskart u l-integrazzjoni mal-industrija, it-trasport u l-iżvilupp. Nemmen li filwaqt li matul dawn l-aħħar snin l-pajjiż għamel kisbiet kbar ekonomikament u l-pajjiż ra bidliet kbar fil-fiżjonomija tiegħu, dan kien ta' skapitu tal-qafas soċjali, kulturali u ambjentali. Għalhekk, l-użu tajjeb tal-art, l-iżvilupp sostenibbli tagħha u l-ekonomija ċirkolari saru prijorità u hemm bżonn li dawn jiġu indirizzati, jekk irridu li nimxu 'l quddiem.

Jidher li f'numru ta' setturi mhux qegħdin ħażin, imma irridu naħdmu aktar. Għalhekk nara kif is-setturi tal-arja, tal-baħar u l-bijodiversità, li fihom saru bosta avvanzi, għandhom jibqgħu jissaħħu, u kif għedt qabel, nirrimedjaw fejn qed naraw l-affarijiet sejrin lura. Għalhekk nara l-funzjoni integrata tal-Istrateġija Nazzjonali tal-Ambjent u l-istrateġiji u l-miżuri li jidhirli qed jitfasslu fuq il-kwalità tal-arja, il-bijodiversità u l-

istat tal-ibħra tagħna. F'dawn is-setturi rridu nżommu s-sistemi ta' monitoraġġ attivi u naħdmu mal-entitajiet implimentattivi w governattivi sabiex nimmaniġġaw dawn is-setturi aħjar.

Fejn tidħol il-bijodiversità u l-ibħra tagħna, rajna titjib fil-kundizzjoni tal-ibħra tagħna u ta' xi tipi ta' bijodiversità, kif ukoll fil-kwalità tal-ilma tax-xorb, avolja issa jidher li fil-futur jista' jkollna problemi ta' kwalità mill-ilma tal-pjan, liema settur illum implimentat mill-EWA (Energy and Water Agency). Però issa jidher li hemm bzonn li jiġu emendati l-pjanijiet tat-tmexxija tas-siti Natura 2000, il-Water Catchment Management Plan u l-programm ta' miżuri fuq il-baħar, biex L-ERA tkun f'posizzjoni li tilqa' għall-isfidi ġodda, u biex jiġi irrestawrat l-ambjenti naturali (habitats) li ġew affettwati minn rimi illegali ta' skart u materjal ta' kostruzzjoni u attivitajiet oħra; hemm bzonn li jinħolqu żoni ħodor fl-urban biex insaħħu l-*wellbeing*.

Dwar il-kwalità tal-arja, hawnhekk nafu li avolja naqqasna l-emissjonijiet mill-produzzjoni tal-enerġija, u allura, kien hemm titjib fil-kwalità tal-arja tagħna, l-emissjonijiet mis-settur tat-trasport komplew, b'detriment fil-kwalità tal-arja. Kif semmejt qabel, il-pajjiż għandu jersaq lejn użu akbar tal-enerġija alternattiva u mobilità sostennibli, bi priorità li jitnaqqas l-użu tal-karozzi privati u jiżdied l-użu ta' modi tat-trasport iktar nodfa. F'dan ir-rigward, nemmen li l-pass li ħadet l-ERA to '*lead by example*' kien wieħed xieraq, ġaladarba għandha aktar minn 75% tal-flotta tagħha taħdem b'karozzi elettriċi, bil-pjan li din taqbeż il-86% sal-aħħar ta' din is-sena.

Għalkemm jidher li hemm fejn morna 'l quddiem, jidher ukoll li hemm fejn morna lura u għalhekk irridu naħdmu iżjed.

Huwa obbligu ta' kulħadd li jifhem li qegħdin fl-istess dgħajsa u jekk negħrqu, negħrqu lkoll flimkien. Kull gvern suċċessiv, l-oppożizzjoni, awtoritajiet, dipartimenti u aġenziji tal-gvern, NGOs u l-pubbliku jridu jkunu konxji mill-kisbiet u nuqqasijiet li l-pajjiż ikun għadda minnhom biex inkomplu ntejbu l-ambjent tagħna. Irridu nifhmu li l-immanniġġjar sostenibbli tal-ambjent huwa *sine-qua-non* biex ikollna titjieb fil-kwalita' tal-ħajja tagħna.

4. X'inhuma l-pjanijiet tiegħek għall-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għal matul iż-żmien tal-ħatra tiegħek bħala Chairperson?

Il-pjanijiet tiegħi huma:

- Li mmexxi u nressaqh l-ERA biex tkun aktar effiċjenti, aktar kredibbli u aktar qrib in-nies.
- Li ngħin lil ERA issaħħaħ l-operat u l-organizzazzjoni tagħha.

- Li l-ERA tkun effiċjenti fir-rwol regolatorju tagħha u twassal għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' Strateġija Nazzjonali għall-Ambjent, li tixpruna x-xogħol tal-Awtorità u l-pajjiż.
- Li l-ERA tkun kapaċi tidentifika soluzzjonijiet (short-term, medium u long-term) biex l-isfidi li għandna quddiemna, u kif dawn jiġu identifikati, jissolvew bil-kooperazzjoni u kontribut tas-sessjonijiet kollha tal-pajjiż u tal-entitajiet kollha governattivi.
- Li l-leħen tal-ERA jkun aktar determinanti fil-proċess tal-ippjanar, fejn għandu x'jaqsam l-ambjent.
- Li l-ERA tkun aktar miftuħa għall-pubbliku b'mod li d-deċizjonijiet kollha tagħha jkunu pubbliċi.
- Li l-ERA ikollha rwol importanti u ewlieni fl-immaniġġjar u regolazzazzjoni tirregola tar-riżorsi ambjentali, u li dan isir b'kollaborazzjoni diretta, u bis-sens bejn l-entitajiet, il-Ministerji, u is-setturi kollha tas-soċjeta', inklużi setturi partikulari bħal dik tal-kostruzzjoni, tat-trasport, eċċ.
- Li l-ERA taħdem aktar qrib il-Kunsilli Lokali tagħtihom dak is-sapport biex jipprovdu liċ-ċittadini tagħhom informazzjoni dwar l-ambjent u kif iċ-ċittadin jista' jagħmel dak li hemm bżonn biex ikollna titjieb fil-kwalità tal-ħajja.
- Li l-ERA taċċerta ruħha li kollox isir bis-sens speċjalment fejn jidħlu r-riżorsi ambjentali u l-enerġija, pereżempju.
- Li l-ERA tkun timmilità kontra ħtif jew telf ta' spazji importanti bħall-ODZ, jew art agrikola.
- Li l-ERA tkompli tieħu ħsieb il-ġbir u monitoraġġ ta' data u informazzjoni ambjentali neċessarja u li tagħmel dan b'mod effiċjenti.
- Li l-ERA tippromwovi *citizen engagement*, apps u teknoloġija biex tinvolvi aktar attivament lin-nies fil-ġbir tat-tagħrif, trawwem aktar stewardship, toffri aktar servizzi realtime u diġitali, u tnaqqas l-iskariġġ lin-nies, fejn dan huwa possibbli.
- Li l-ERA tkompli l-infurzar tal-liġijiet u regolamenti tagħha, u dan tibda tagħmlu b'kollaborazzjoni sħiħa u diretta ma' entitajiet oħra.
- Li l-ERA tkompli ittejjeb l-'image' tagħha mal-pubbliku b'mod li kulħadd jagħraf ir-remit veru tagħha u mhux dak immaġinarju.

5. Xi sfidi tara li għandha quddiemha l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi?

   Kif semmejt diġà, l-akbar sfidi huma relatati mal-integrazzjoni tas-settur ambjentali ma' diversi oqsma kruċjali għall-pajjiż, fosthom, il-kummerċ, l-ekonomija u l-qasam soċjali, b'importanza għat-tibdil fil-klima. Illum jeħtieġ li l-ERA timmatura b'mod li l-leħen tagħha jkun aktar determinanti fil-proċess tal-ippjanar, u li tixpruna l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali tal-Ambjent u l-istrateġiji u pjanijiet tagħha, sabiex tindirizza l-isfidi li għandna fil-qasam ambjentali, fosthom l-iskart, l-arja, il-bijodiversità, il-baħar, u l-bżonn ġenwin ta' tqassim tal-ġid ambjentali fl-urban permezz ta' proġetti li jħaddnu *Green Infrastructure* u użu aħjar tal-enerġija u l-ambjent ta' madwarna.

6. X'taħseb li kienu n-nuqqasijiet tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi matul l-aħħar ħames snin?

   Kif għedt qabel, l-Awtorità għandha bżonn ittejjeb ir-relazzjonijiet pubbliċi tagħha. Napprezza li bħala Awtorità hija waħda ġdida, li kull ma għandha huwa sitt snin, imma xorta naf li jsir ħafna xogħol li ftit li xejn huwa reklamizzat. Fl-istess waqt ħafna nies ma jifhmux id-distinzjoni bejn ix-xogħol tal-ERA u dawk ta' entitajiet oħra li jaħdmu fis-setturi relatati. Ħafna nies jaraw l-ambjent bħala ħaġa waħda u ma jagħmlux id-distinzjoni legali dwar saħħa ambjentali, l-iżvilupp, it-trasport u l-indafa pubblika, ir-riżorsi, it-tibdil fil-klima, il-kaċċa, l-enerġija, il-pestiċidi, l-agrikultura u s-sajd, *animal welfare,* is-sistema tad-drenaġġ, l-ilma tal-pjan, jew setturi oħra li għalkemm fil-verità mhux regolati mill-ERA, xorta waħda wieħed jikkonsidrahom bħala ambjent.

   Għalhekk naħseb hemm bżonn ta' investiment aktar qawwi kemm biex inwasslu l-messaġġ aħjar, kif ukoll biex naħdmu pass pass mal-entitajiet konċernati ħalli jkollna vuċi waħda konsolidata, fejn dan huma possibbli.

   Hawnhekk ninnota li l-ERA diġà għamlet diskussjonijiet estensivi ma' diversi oqsma soċjali li wasslu għall-abbozz tal-Istrateġija Nazzjonali tal-Ambjent, li tisħaq biex tindirizza dawn l-isfidi u nuqqasijiet, mhux biss min-naħa tal-ERA, imma fis-setturi kollha, u titlob għal bidla fil-ħsieb, taħt il-qasam ta' '*Enabling Change*'. Hawnhekk, tajjeb li nikkwota lill-Istrateġija fejn turi kif ħafna drabi niffokaw fuq l-implimentazzjoni ta' strumenti legali, kemm nazzjonali u internazzjonali, mingħajr ma neċessarjament nużaw l-għodda kollha li għandna u l-benefiċċju li għandna bħala pajjiż żgħir. Irridu nkomplu naħdmu mal-entitajiet, pubbliċi u mhux, biex inkunu pragmatiċi imma effettivi, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi tagħna u fl-istess ħin, kompettivi

sabiex inwasslu għat-transizzjoni fl-għaġir u l-ħsieb tagħna, biex ikollna soċjetà aktar mgħarrfa u mrawma.

Nixtieq ukoll nara aktar kollaborazzjoni bejn l-Awtorità, ir-Reġjuni u l-Kunsilli, fejn forsi, bi ftit investiment u tisħiħ tal-Fond tal-Ambjent (l-*Environment Fund* stabbilit taħt l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent), inkunu nistgħu nagħmlu proġetti flimkien sabiex intejbu l-ambjent tagħna, kemm fl-urban u anke fir-rural u l-baħar tagħna.

7. X'taħseb li kienu l-kisbiet tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi matul l-aħħar ħames snin?

L-Awtorità waslet sabiex f'sitt snin minn mindu saret, adottat diversi strateġiji ta' governanza, li llum qed jiġu implimentati. Dawn l-istrateġiji għandhom miżuri u indikaturi li l-iskop tagħhom hu li jagħtu direzzjoni fl-implimentazzjoni. Uħud minn dawn huma l-qafas ta' bosta attivitajiet, miżuri, proġetti u liġijiet mfassla mill-ERA jew mill-Gvern sabiex uħud mill-miżuri li semmejt qabel isiru b'mod koordinat, bħal dawk tal-iskart, il-baħar, l-arja u l-bijodiversità. Fost dawn ta' min isemmi:

- Il-Viżjoni Nazzjonali għal 'Wellbeing First' li għandha twassal għall-adozzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali dwar l-Ambjent;
- L-Istrateġiji Nazzjonali l-Iskart tal-Kostruzzjoni u d-Demolizzjoni u dik fuq is-*Single Use Plastics*;
- Il-Pjanijiet tat-Tmexxija (Management Plans) u Ordnijiet ta' Konservazzjoni għas-Siti Natura 2000 fuq l-art, li jidher li qed jiġu riveduti;
- L-Istrateġija Nazzjonali dwar l-Ispeċi Aljeni Invażivi u l-Pjan ta' Azzjoni u Code u Conducts settorali;
- Il-Miżuri ta' Konservazzjoni tal-Marine Protected Areas;
- Il-Programme of Measures fuq l-Istrateġija tal-Baħar u l-Pjan ta' Monitoraġġ tal-Baħar, li jidher li qed jiġu riveduti;
- l-iState of the Environment Report, maħruġ f'Diċembru 2018, li jidher li qed jiġi rivedut;
- It-Tieni Assessment tal-Ibħra Maltin u l-istat tagħhom;
- It-Tieni Water Catchment Management Plan, li jidher li qed jiġi rivedut;
- Linji Gwida ta' Informazzjoni fuq l-Infrastruttura Ħadra;
- Il-Linji Gwida fuq Xogħlijiet fuq is-Siġar, li jidher li qed jiġi rivedut.

Jidher ukoll li barra minn dawn għaddej ix-xogħol fuq Strateġiji Nazzjonali oħra, fosthom ir-reviżjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Bijodiversità u l-Air Quality Plan. L-ERA wkoll taħdem ma' entitajiet oħra biex tiżgura sinerġija fi pjanijiet u strateġiji relatati, bħalma huma l-iSPED (PA) u l-istrateġiji nazzjonali dwar Żvilupp Sostenibbli u t-Tibdil fil-Klima (MEEE).

L-Awtorità għandha rwol qawwi u konsultattiv fuq numru ta' applikazzjoni, u għalhekk taħdem bi sħiħ ma' awtoritajiet u entitajiet oħra, bħall-Awtorità tal-Ippjanar, Transport Malta, l-iStrategic Environment Assessment Focal Point, Circular Economy Malta, u diversi entitajiet oħra. Biss biss, fil-prezent, l-Awtorità tara l-applikazzjonijiet tal-iżvilupp kollha u ħolqot servizz ta' screening biex tanalizza fid-dettall numru minn dawn l-applikazzjonijiet.

Fil-qasam leġislattiv saru diversi avvanzi, b'kontroll fuq is-*single use plastics*; regolamenti dwar il-limitazzjoni fuq l-emissjonijiet ta' inkwinanti atmosferiċi; żieda fi speċi u siti protetti; regolamenti ġodda dwar speċi invażivi kif ukoll s-siġar u l-imsaġar; u tibdil f'numru ta' liġijiet. Fost dawn, ta' min isemmi t-tibdil fil-liġijiet tal-EIAs, li isaħħu l-involviment tal-pubbliku u aktar trasparenza, minbarra li jsaħħu l-importanza tal-valutazzjoni ambjentali f'deċiżjonijiet ta' entitajiet oħra, bħalma huma applikazzjonijiet kbar tal-iżvilupp.

Mill-aspett regolatorju, naf li saru avvanzi fil-konformità u l-infurzar, tant li sar Direttorat tal-Infurzar Ambjentali ġdid, li issa joffri wkoll servizz ta' sorveljanza attiva kemm fuq l-art u fuq il-baħar, u b'servizz li jopera kważi 24 siegħa kuljum. Parti kbira mix-xogħol ta' dan id-Direttorat illum jiffoka wkoll fuq il-kontroll tal-iskema tal-boroż taż-żibel, liema xogħol isir flimkien mal-Kunsilli u l-LESA u l-Pulizija.

Fil-kamp teknoloġiku, sar investiment fuq l-użu ta' drones biex jintużaw fil-monitoraġġ tal-ambjent, li wassal ukoll għall-ewwel surveys 3D ta' numru ta' barrieri, sabiex L-ERA tkun tistgħa tibni baseline ġdid u jiġi ikkalkulat ukoll il-void space li jista' jintuża sabiex barrieri wżati jkunu jistgħu jiġu restawrati.

L-ERA saret ukoll id-data provider u l-contact point fuq data ambjentali mal-European Environment Agency (EEA) u l-NSO. Għalhekk għandha network ta' monitoraġġ ta' data ambjentali. F'dan il-qasam, l-Awtorità saħħet in-network nazzjonali u taħdem ħafna ma' bosta entitajiet, inklużi entitajiet tar-riċerka, bħall-MCAST u l-Università.

Biex issaħħaħ is-servizz ambjentali, ħolqot apps u delivery services disponibbli fuq il-mobajls u l-kompjuters li permezz tagħhom toffri informazzjoni b'xejn fuq siti protetti, il-kwalità tal-arja, permessi ambjentali u miżuri ta' infurzar, u ssaħħaħ l-hekk imsejjaħ *citizen*

*science*, fejn wieħed jista' jirrapporta speċi, marine litter u anki ilmenti in ġenerali fuq l-ambjent.

Saħħet ukoll is-servizz tal-Customer Care, il-permessi ambjentali u tal-infurzar u llum toffri dawn is-servizzi diġitali wkoll, sabiex tnaqqas l-iskariġġ lin-nies u ttejjeb is-servizz li toffri.

Imma l-ERA kienet ukoll attiva fuq numru ta' proġetti, fejn kienet u qed timplimenta diversi proġetti b'finanzjament tal-UE jew il-UN. Dawn huma prinċipalment relatati ma' ħarsien tan-natura u l-ilmijiet tagħna; il-monitoraġġ fil-baħar; Natura 2000; waste management; landfill management; monitoraġġ tar-radjazzjoni; u *capacity building* fuq konformità u infurzar.

Naf ukoll li hemm numru ta' proġetti qed jiġu attwati b'fondi nazzjonali jew mill-Fond tal-Ambjent (Environment Fund). Fost dawn hemm:

- l-immaniġġjar tas-siti Natura 2000, fejn l-ERA tiffinanzja l-NGOs li jmexxu numru ta' siti, u tassisti lill-Ambjent Malta li hi l-entità li timplimenta il-Pjanijiet tat-Tmexxija (Management Plans) ta' dawn is-siti;
- il-kura u r-rijabilitazzjoni ta' annimali protetti, bħal fkieren, dniefel u balieni, qniefed, friefet il-lejl, rettili u annimali oħra. L-annimali li jirkupraw jiġu rilaxxati lura fl-ambjent;
- żvilupp ta' numru ta' ġonna fl-urban, kif ukoll green roofs u green infrastructure minn Kunsilli Lokali u għaqdiet; tindif u xogħlijiet ta' manutenzjoni għar-restawr ta' ġibjun; tkattir tas-siġar u pjanti Maltin għat-tqassim fl-iskejjel u l-Kunsill u t-tħawwil fi proġetti ta' forestazzjoni u restawr; u l-kostruzzjoni ta' *Green Innovation Hub* bi skop didattiku u edukattiv għat-tfal tal-iskejjel, biex dawn jaraw u jifhmu aħjar l-ambjent tagħna;
- il-proġett għar-restawr ta' Ġnien Spencer, liema xogħol beda wkoll;
- l-involviment tat-tfal fit-tfassil tal-istrateġiji, fejn qed isiru laqgħat u diskussjonijiet ma' skejjel u studenti, biex jiġu evalwati l-proġetti tagħhom u attwati, inlinea mal-pjanijiet ambjentali.

Kif semmejt qabel, nixtieq nara aktar minn dawn il-proġetti, anke bi sħubija ma Kunsilli Lokali, għaqdiet u s-settur privat.

8. Tista' tindika jekk fil-preżent għandekx attivitajiet kummerċjali? Tista' tindika jekk dawn humiex ser joħolqu kunflitt ta' interess f'każ li tiġi maħtur Chairperson tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi?

   Bħalma indikajt fis-CV tiegħi mill-ewwel ta' Lulju ta' din is-sena bdejt kuntratt ta' konsulenza fuq materji ta' Arkitettura u Inġinerija Ċivili ma' B V Enterprises Ltd. Din hija l-unika attivita' kummerċjali li għandi.

   Peress li din il-kumpanija titratta fuq żvilupp ta' bini u propjetà jista' jinħoloq kunflitt ta' interess meta xi proġett ta' din il-kumpanija jkun qiegħed jiġi ittrattat mill-Awtorità. Għaldaqstant, allura skont l-Artiklu 13 ta' l-Att tal-Protezzjoni tal-Ambjent niddikjara dan il-kunflitt ta' interess u nirrikuża ruħi minn kull proċeduri jew deċiżjonijiet tal-Awtorità.

   Barra minn hekk, diġà qiegħed hawn fil-pubbliku niddikjara tali interess kummerċjali li għandi.